**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 43/06**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Jason Busuttil**
**(ID 511573M)**

**Illum, 29 ta' Jannar 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jason Busuttil** ta' 31 sena, bin Alfred u Lucarda nee` Vella, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Novembru 1973, u residenti ġewwa 38, Triq G. Mannarino, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 511573(M);

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer Maltin fil-5 ta’ Frar 2005 u fis-snin ta' qabel:

a. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta’ l-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex dan il-każ jinstema’ minn din il-Qorti bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2014, il-partijiet eżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa’ tisma’ l-provi li kienu nġabru sa dakinhar quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll id-digriet tagħha tad-9 ta' Diċembru 2015[1], li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża tas-7 ta' Ottubru 2015[2] u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet għalhekk lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tat-28 ta' Ġunju 2017, permezz ta' liema nota ġie osservat *inter alia* illi t-termini legali kienu skadew, li l-imputat odjern għamel progress sew u qiegħed *clean*[3];

Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Elizabeth Quintano in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali nhar l-4 ta' Ottubru 2017, mill-liema jirriżulta illi l-kawża odjerna hija waħda minn żewġ kawżi pendenti fil-konfront tal-imputat odjern[4];

Rat ukoll illi fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2006, l-imputat irreġistra ammissjoni in kwantu biss il-pussess 'sempliċi' tad-droga eroina[5], fil-waqt illi fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019, huwa irreġistra ammissjoni dwar l-imputazzjoni kif dedotta, liema ammissjoni ġiet ikkonfermatha minnu wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha[6];

---

[1] Ara dan id-digriet a fol. 158 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 145 tal-proċess.
[3] Din in-nota tinsab esebita a fol. 201 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 210 sa 212 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 220 tal-proċess.

Semgħet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

Illi għal fini ta' piena tqis illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi dak li wassal sabiex l-imputat jiġi akkużat bl-imputazzjoni odjerna kien illi nhar il-5 ta' Frar 2005, huwa nstab fil-pussess ta' trab kannella f'ammont nett totali ta' 11.397 grammi, li fih instabet is-sustanza eroina, b'purita` ta' ċirka 32%, kif ukoll biċċiet tal-*foil* li fuqhom instabu traċċi tal-eroina.[7]

Illi tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati fosthom reati kontravvenzjonali, pussess 'sempliċi' ta' droga f'diversi okkażjonijiet u pussess aggravat tad-droga, assoċjazzjoni sabiex tiġi traffikata d-droga, importazzjoni u traffikar ta' droga kokaina, serq aggravat f'diversi okkażjonijiet u tentattiv ta' serq aggravat, ħsara volontarja, reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, falsifikazzjoni ta' dokumenti u frodi b'egħmil qarrieqi. Jirriżulta mill-istess fedina penali illi l-aħħar każ jirrisali għas-sena 2016 u dan dwar ksur tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

Illi mill-assjem tal-provi proċesswali jirriżulta wkoll illi l-imputat għandu storja twila ħafna ta' użu ta' sustanzi lleċiti u fiż-żmien li għalih tirrisali l-imputazzjoni

---

[7] Ara r-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud esebita a fol. 74 tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija u xhieda oħrajn li jixhdu dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tal-imputat ossia l-Ispettur Kevin J. Farrugia (a fol.9 sa 15 u in kontro-eżami a fol. 108 sa 111 tal-proċess), PC 129 Raymond Aquilina (a fol. 24 u 25 tal-proċess), PC 1122 Arthur Rizzo (a fol. 26 sa 28 tal-proċess), PS 321 Alan Lagrasta (a fol. 29 sa 31 tal-proċess), Edward Goodrum (a fol. 32 sa 36 tal-proċess), Sven Formosa (a fol. 37 sa 42 tal-proċess), PS 612 Theo Vella (a fol. 47 u 48 tal-proċess), PS 3 Kevin Grima (a fol. 58 u 59 tal-proċess), PS 644 Evan Camilleri (a fol. 70 u 71 tal-proċess) u Frankie Gauci (a fol. 76 sa 80 tal-proċess). Ara wkoll il-proċess verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ esebit a fol. 51 tal-proċess.

odjerna, huwa kien dipendenti fuq id-droga tant illi kif ingħad iżjed 'il fuq, bid-digriet tagħha tad-9 ta' Diċembru 2015, din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan wara li rriżultalha illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti, inkluż illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kellu dipendenza fuq id-droga, liema dipendenza ġiet ippruvata, a bażi tal-provi proċesswali, kemm mil-lat ta' gravita`, kif ukoll minn dak mediku. L-użu persistenti tad-droga da parti tal-imputat sa minn żgħożitu tirriżulta mix-xhieda u mir-rapporti esebiti mill-Uffiċjali tal-*Probation* Miriam Sevasta u Sharlet Fabri, kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Joseph Tonna u anke mill-fedina penali refrattarja tal-istess imputat. L-użu tad-droga da parti tal-imputat lanqas ma waqaf għal kollox matul iż-żmien li l-imputat kien qiegħed quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u fil-fatt kien fl-aħħar nota tal-istess Bord tat-28 ta' Ġunju 2017 illi l-Qorti ġiet infurmata illi l-imputat kien qed iżomm 'il bogħod mid-droga kompletament. Minn din in-nota jirriżulta illi t-terminu ta' tmintax-il xahar prevvist mil-liġi kien skada, li l-imputat kien għamel progress sostanzjali u li kien *clean*, fil-waqt illi ġie wkoll suġġerit illi huwa jibqa' taħt is-sorveljanza volontarja tal-Aġenzija Caritas skont il-bżonn.

Jirriżulta wkoll mid-diversi rapporti li ġew ippreżentati mill-Bord fir-rigward tal-imputat[8] illi għalkemm huwa ma kienx astinenti kompletament mid-droga matul iż-żmien kollu li huwa kien qed jirċievi trattament mill-Bord, kif lanqas ma wera dejjem konsistenza u mpenn sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga, madankollu skont ir-rapport maħruġ mill-Aġenzija Caritas tat-23 ta' Ġunju 2017[9], l-andament tal-imputat kien wieħed tajjeb ħafna u li għaxar kampjuni tal-urina li huwa ssottometta

[8] Ara dawn ir-rapporti a fol. 162, 166, 172, 176, 181, 190 u 200 tal-proċess.
[9] A fol. 200 tal-proċess.

bejn it-28 ta' Marzu 2017 u s-16 ta' Ġunju 2017 irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti, tant li kif ingħad finalment, il-Bord kien sodisfatt bil-progress tal-imputat, minkejja li rrakkomanda wkoll illi jibqa' taħt sorveljanza volontarja.

Tqis ukoll illi għalkemm dan il-każ jirrisali għas-sena 2005, ħafna mid-dewmien fil-proċeduri kien dovut għall-raġunijiet imputabbli lill-imputat. Biss biss il-każwa ġiet differita għall-provi tad-difiża għall-ewwel darba fis-seduta tat-2 ta' April 2009 u kien ħames snin wara li d-difiża bdiet bil-kontro-eżamijiet tagħha, anke għaliex kien hemm żmien li fih l-istat ta' saħħa tal-imputat ma kienx wieħed tajjeb, għalkemm din ma kinitx l-unika raġuni għad-dewmien da parti tad-difiża.

Hawnhekk il-Qorti tirrileva wkoll illi minkejja li mix-xhieda ta' Dr. Elizabeth Quintano jirriżulta illi apparti l-kawża odjerna, l-imputat għandu wkoll kawża oħra pendenti quddiem din il-Qorti, kif preseduta, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Jason Busuttil', liema kawża ġġib in-numru 196/2012, il-Qorti ma applikatx id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8(6) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex ħadet *judicial notice* tal-fatt li dik il-kawża tinvolvi reat kontra l-liġijiet dwar id-droga allegatament imwettaq fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Għalkemm tali reat m'huwiex fost ir-reati msemmija fis-sub-artikolu (6) tal-Artikolu 8 fuq imsemmi, huwa wieħed li fir-rigward tiegħu hija eskluża l-applikabilita` tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan a tenur tal-Artikolu 13(ċ) tal-istess Kapitolu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti tqis illi m'hijiex biss id-difiża li fil-każ odjern qegħda ssostni li piena karċerarja effettiva ma tkunx piena idonea fiċ-ċirkostanzi tal-każ, iżda anke l-Prosekuzzjoni ssottomettiet illi fid-dawl tal-progress li għamel l-imputat miż-żmien tal-imputazzjoni odjerna, din il-Qorti m'għandhiex teroga piena karċerarja effettiva.

Illi jirriżulta ċar u evidenti mill-provi proċesswali illi l-għerq tal-problemi kollha tal-imputat kienet id-droga eroina. Il-Qorti m'għandhiex dubju, in vista tal-provi prodotti, illi l-imputat wettaq ir-reat li jinsab akkużat bih minħabba l-fatt illi dak iż-żmien huwa kellha l-vizzju tad-droga u kien dipendenti fuq l-istess. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi ma jiskolpawx lill-imputat, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi huwa mpenja ruħu sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga u għamel progress sostanzjali tant illi fl-aħħar xhur quddiem il-Bord irnexxielu jżomm il-bogħod għal kollox mid-droga.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu u ċioe` illi la darba hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-imputat qed jinstab ħati, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern.

Tqis ukoll madankollu illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-imputat qed jinstab ħati, l-ammont ta' droga eroina li nstabet fil-pussess tiegħu, liema ammont ma kienx wieħed irriżorju, kif ukoll il-preċedenti penali riżultanti mill-fedina penali refrattarja, sentenza ta' priġunerija sospiża hija piena idonea.

Illi in oltre fir-rigward tal-flus kontanti fis-somma ta' ħamsa u ħamin Liri Maltin (Lm55) elevati mill-pussess tal-imputat, il-Qorti tqis illi mill-atti proċesswali ma tirriżultax il-prova illi l-provenjenza ta' din is-somma hija mill-bejgħ tad-droga, anke in vista tal-fatt illi l-imputat kien jaħdem fiż-żmien tal-każ odjern. Għaldaqstant, qed tordna r-rilaxx tal-ekwivalenti tal-imsemmija somma f'ewro lill-imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Jason Busuttil** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' erbatax-il xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal perjodu ta' tliet snin mil-lum u multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni li permezz tiegħu qed tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għall-perjodu ta' sentejn mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża. Wissietu wkoll bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jonqos milli jikkonforma mal-ħtiġiet tal-Ordni.

Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta stante illi l-emenda fl-Artikolu 533

tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha llum il-Qorti tista' tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' tali spejjeż ġiet introdotta permezz tal-Att XIII tas-sena 2005 u daħlet fis-seħħ nhar il-15 ta' Awwissu 2005 bis-saħħa tal-Avviż Legali 286 tas-sena 2005 u għalhekk wara d-data li għaliha tirreferi l-imputazzjoni odjerna li tagħha qed tinstab ħtija fil-każ odjern.

Tordna r-rilaxx tal-flus kontanti oriġinarjament esebiti bħala Dok. KF 3 u Dok. KF 4 fis-somma totali ta' ħamsa u ħamsin Liri Maltin (Lm55), sussegwentement depożitati mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali b'ċedola ta' depożitu taħt l-Awtorita` ta' din il-Qorti fis-somma ekwivalenti ta' mija, tmienja u għoxrin ewro u tnax-il ċenteżmu (€128.12), favur il-ħati.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza u l-oġġetti esebiti fl-atti tal-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Silvio Meli, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinħatar uffiċjal sorveljanti.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat